**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI NUMRU 2377**

**Chairperson: Avv. Charmaine Cristiano Grech**

Kaz Numru: 3149/CCG

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Nathania Mifsud

U

Sterling Jewellers li b'digriet datat 30 ta' Jannar 2014 ġie sostitwit bl-isem Sterling Holdings Company Limited

Dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta

Illum 26 ta' Marzu 2015

Dan il-każ ġie riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors dwar allegat tkeċċija inġusta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) ta' Kap. 452 ma kienx possibli li l-kaz jinstema' u jinqata' kif inhu stipulat fl-Att.

## Preliminari

Ir-rikorrenti iddikjarat illi hija kienet impjegata mal-kumpanija Sterling Jewellers mill-liema impjieg hija tkeċċiet inġustament. Hija kienet tkeċċiet minn fuq il-post

tax-xogħol nhar it-3 ta' Mejju 2013 wara li Romina Grech Fenech għajtitilha fl-uffiċju u wara li qaltilha li kellha complaint fuqha, mingħajr ma semgħet il-verżjoni tagħha, infurmatha li tkeċċiet mix-xogħol. Ir-rikorrenti talbet lit-Tribunal jiddikjara din it-tkeċċija inġusta kif ukoll illi ir-raġuni ta' tkeċċija bħala waħda ta' dixxiplina ma tibqax tidher fuq it-termination of employment, u jagħti rimedju skont il-liġi.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ ir-rikorrenti qalet li kienet taħdem mas-soċjeta' intimata għal sena u sebgħa xhur u li għall-bidu qatt ma kellha problemi. L-ewwel problema inqalgħet sena u xahrejn wara li bdiet taħdem fejn kien hemm ilment minn klijenta dwarha fuq xi imsielet illi s-sid allega li kienu nstabu fil-barmil taż-żibel. Wara dan l-inċident kienet biddlet il-ħanut fejn taħdem u hemm ukoll beda jkollha problemi minħabba leave u ġranet off.

Is-soċjeta' Sterling Holdings Company Limited fir-risposta tagħha qalet illi d-domandi ta' Natania Mifsud huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawża fir-rigward tat-tkeċċija ta' Natania Mifsud li hu ġusta, ġustifikata u skont il-liġi. Hija ddikjarat illi r-rikorrenti ma kinitx idoneja għal dan ix-xogħol u r-relazzjoni fuq ix-xogħol magħha kienet dejjem turbolenti minħabba l-karattru tagħha u fil-fatt Natania Mifsud irċeviet żewġ twissijiet (*warnings)* bil-miktub kif ukoll numru ta' *warnings* verbali. Hija kienet negligenti fuq il-post tax-xogħol u uriet nuqqas kbir ta' responsabbilita kif kienet iġġib ruħha f'ġeneru ta' xogħol delikat kif inhu dak odjern u cioe ħanut tad-deheb. Mifsud kienet ingħatat ċans ieħor mis-soċjeta' intimata billi intbagħtet taħdem f'ħanut ieħor pero spiċċat tiġġieled mat-tieni Manager tagħha u tgħajjat mas-superjur tagħha fil-ħanut stess.

Fid-dikjarazzjoni tal-każ ir-rappreżentant tas-soċjeta intimata spjega x'wassal sabiex joħorġu t-twissijiet lir-rikorrenti. Spjega ukoll li r-rikorrenti kienet ukoll ġieli tuża' il-mobile waqt il-ħinijiet tax-xogħol meta dan hu projbit u qal ukoll illi kienet qed tkun ta' eżempju ħażin fuq sħabha l-impjegati l-oħra u għaldaqstant minħabba l-aġir tagħha kienu kostretti jkeċċu lil Natania fit-3 ta' Mejju 2013.

**Sinteżi tax-Xhieda**

Joe Attard, General Manager tas-soċjeta' Sterling Holding Company Ltd qal li Natania ġiet impjegata f'Novembru tat-2011 u l-ewwel problema li nqalgħet, kienet fil-ħanut ta' Raħal Ġdid fejn hemmhekk kienet ma' Part Timer. Spjega li l-Policy tagħhom hi li Part Timer ma jkollhiex ir-responsabbilitajiet ta' full timer allura r-rikorrenti kellha responsabbilitajiet kollha tal-ħanut. Parti mir-responsabbilita' kienet li rċeviet oġġett, ċurkett ta' klijenta, u dan l-oġġett suppost twarrab u tpoġġa fis-safe. Meta ġiet il-klijenta għalih, l-oġġett ma nstabx, ovvjament inqala paniku u spiċċa l-Area Manager, Josef Spiteri, mar hemm ifittex ukoll. U dan l-oġġett sabuh f'dustbin.
Hu ma kienx hemm meta ġara l-inċident pero kien hemm Josef li anke bagħat email fuq il-każ. Hija kienet ġiet msejjħa quddiem il-Managing Director, fejn ġie spjegat lilha li għamlet ħażin u dan kien l-ewwel warning bil-miktub. Wara dak il-każ u wara li għadda dak il-perjodu, Natania inbidlilha l-post tax-xogħol tagħha u tpoġġiet il-Belt. Inbidlilha l-post tax-xogħol għax inħolqot problema ma' Josef għax dan il-każ deher ħażin fuqu għax intilef oġġett, instab fid-dustbin u minħabba f'hekk bdew iqumu ħafna dubji. Hawnhekk kellha problema oħra mal-Manager Lorraine fuq l-għadd tal-istock. Dawn ma qablux bejniethom u spiċċaw jġħajtu ġo wiċċ xulxin, hi u l-Manager tagħha. Il-Manager irrappurtat il-każ u Natania inħarġilha *warning* ieħor bil-miktub.Apparti dawn iż-żewġ *warnings* kien hemm warnings verbali ġħax rawha s-Sur Fenech innifsu u l-Managing Director tuża l-mobile waqt il-ħin tax-xogħol li għas-soċjeta din hija xi ħaġa li m'għandiex issir. Kien għalhekk li r-rikorrenti tkeċċiet għaliex inbidlu żewġ areas u żewġ managers pero hija baqgħet bil-problemi.

Romina Grech Fenech, Managing Director tal-kumpanija Sterling Holdings Company xehdet li lil Natania Mifsud hija impjegajtha. Kienet hi li għamlet l-interview u impjegajt lir-rikorrenti li bdiet sew fil-post tax-xogħol, pero dejjem kellha problema ta' ċertu għażż żejjed da parti tagħha. Hi qalet li lir-rikorrenti kellmitha diversi drabi minħabba li kien jaslilha garr mingħand il-Managers. Ix-xhud kellha ukoll problema oħra kbira bl-uniformi. Huma għandhom uniformi li

fosthom huwa ġlekk u r-rikorrenti dejjem kienet trid tmur bil-cardigan. Kemm-il darba ġibditilha l-attenzjoni fuq hekk. Meta hi kienet tgħaddi minn Melita Street, fejn kien il-ħanut fejn taħdem ir-rikorrenti, ix-xhud qalet li dejjem kienet taraha fuq il-mobile jew fuq l-ipad u anke kellmitha kemm il-darba.

Lorraine Falzon Bonnici, Manager, xehdet li hija kienet il-Manager tar-rikorrenti fil-ħanut tal-Belt. Xehdet li kien hemm inċident fejn ir-rikorrenti għajtet f'wiċċha fuq spot checks li għamlet il-kumpannija. Wara dan l-inċident hija kienet irrapportatha lis-superjuri tagħha. Xehdet ukoll li kien ikun hemm diversi inċidenti mar-rikorrenti. Mistoqsija dwar jekk inħarġux warnings kontra r-rikorrenti x-xhud qalet li ma tafx.

Alfred Fenech is-sid ta' Sterling Jewellers xehed li Natania Mifsud kienet impjegata magħhom bħala salesgirl. Hu qal li hu ma tantx ikun fi ħwienet u l-biċċa l-kbira ikun l-uffiċju. Inzerta li l-ħanut tal-Belt fejn kienet taħdem ir-rikorrenti huwa bejn l-uffiċju tiegħu u l-uffiċju tal-Head Office u għalhekk kien jgħaddi spiss biex imur minn Melita Street fejn kienet inkarigata s-sinjorina. Is-Sur Fenech qal li kemm il-darba raha fuq il-mobile u dan meta għandhom instruzzjonijiet li l-mobile jew jitfuħ jew jagħmluh silent. Ma jistgħux ikunu qed jaqdu n-nies, iċempel il-mobile u jirrispondu. Din hija l-Policy tagħhom u l-impjegati jafuha din. Nuqqasijiet oħra li kien jara eżemplu hu u nieżel, ġieli kienet tkun fil-break, tkun barra fuq it-taraġ ta' ħdejhom tiekol il-ħobż u tixrob bilqiegħda barra. Dan meta għandhom fejn jieklu f'post ieħor fil-break.

Josef Spiteri kien kont impjegat bħala Area Manager ta' 3 ħwienet: Raħal Ġdid, Ħal Qormi u l-Ħamrun bejn it-2011 u it-2013. Ir-rikorrenti kienet taħdem fil-ħanut miegħu Raħal Ġdid bħala sales assistant u normalment meta ma jkunx hemm hu, kienet tidħol hi floku. Spjega x'kien ġara dakinhar tal-inċident fejn instabu l-ġojjelli fid-dustbin.

Joe Attard xehed li wara li r-rikorernti spiċċat minn magħhom hija sabet xogħol bieb ma' bieb ma' ħanut tagħhom f'Bisazza Street u allura salesgirl oħra tagħhom kellha kuntatt mal-kumpanija. Fis-17 ta' Frar ċemplitlu *Salesgirl*, Ruth, li taħdem

ma' ġenb Natania Mifsud u qaltlu li Natania tkeċċiet mill-ħanut Sunlab – kien hemm xi storbju, għajjat u Natania tkeċċiet mill-job il-ġdid. Huwa staqsa lis-*Salesgirl* tagħhom biex tistaqsi, iġġib xi informazzjoni u tagħmillu e-mail biex ikolli xi ħaġa bil-miktub u hi bagħtitlu l-email (Dok JA) li kulma tgħid *"Hi Good Morning, Joe, About Natania I heard by the wife of the owner that the owner Manuel saw her by camera seeing films on their shop computer while working"*

Natania Mifsud xehdet li l-każ tagħha beda bl-ewwel *warning*. Ir-rikorrenti insistiet illi mhux hi poġġiet l-imsielet fid-dustbin. Qalet li kienet semgħet li l-klijenta għamlet ilment pero qatt ħadd ma bagħat għaliha u ftit tal-ġimgħat wara rċeviet *warning* il-ħanut, ġabuhulha l-istaff stess minn ħanut għal ieħor u kellha tiffirmah. Hi imbagħad ċemplet lil Romina Fenech u qaltilha mhux ħa niffirmah għaliex ma kinitx qed taqbel ma' dak li kien hemm miktub. Wara dak l-inċident hija baqgħet ma qalitx il-verżjoni tagħha u ċjoe li ma kinitx hija. Fil-fatt hija kienet appellat mal-ETC wara t-tkeċċija tiegħha u talbet għall-l-provi li juru li kienet hija li tefgħethom f'dustbin. Filfatt is-Sur Joe Attard ukoll kien qal li waqt il-Board Meeting tal-ETC li l-cameras ma jiġbdux daqshekk fid-dettal, biex ikunu jistgħu jaraw x'ġara u ma ġarax. Wara dan l-inċident Romina Fenech bdiet tibgħatha l-ħanut tal-Belt u kienet tmur Raħal Ġdid jekk ikun hemm xi sick, jew xi leave, jew xi festa, Mother's Day jew Christmas jew ġranet simili. Meta intbagħtet il-ħanut tal-Belt kien hemm xi ħaddieħor jieħu ħsiebu, u Lorraine Falzon Bonnici kienet l-Manager ta' dan il-ħanut. Ir-rikorrenti qalet li x'ħin din rat li hija ser tibda tkun hemm qisha ħadet qatgħa kbira, qisha daħlitilha ġo xi pjan tagħha. Eżempju jekk tkun bil-*leave*, jew tkun ġo xi ħanut ieħor jew xi ħaġa, tidħol il-ħanut u ma kinitx tħallilha *handover*. Ir-rikorrenti spjegat x'kien ġara dak inhar tal-inċident tal-i*spot check*. Ċaħdet li għajtet ma' Lorraine Falzon Bonnici. Xi jumejn wara l-inċident hija rċiviet telefonata mingħand Romina Fenech biex titla fl-uffiċju tagħha, telgħet u mill-ewwel ħarġitilha *warning* – *warning* li għajtet mal-Manager tagħha u kienet *rude* magħha. Ir-rikorrenti qalet li Ms. Fenech qaltilha li m'hemmx għalfejn tiffirmah u li tista' tmur id-dar. Ir-rikorrenti insistiet li qatt ma ngħatat l-opportunita' li tagħti l-verżjoni tagħha. Hija insistiet li Ms. Fenech kienet ilha mqabbda magħha u semmiet inċidenti relatati mal-*leave* u *off days*. Dwar l-uniformi r-rikorrenti qalet li meta bdiet taħdem kien bejn Ottubru,

Novembru u bħala uniformi kellha tieħu dak li fadal. Jiġifieri il-qalziet kien jiġiha kbir u l-*blazer* kien jiġiha żgħir. Hi bdiet tilbes il-*jersey* għax kienet tara lill-oħrajn lebsin il-*jersey*. Darba ġiet Romina Fenech u qaltilha li ma tridiex tilbes il-*jersey* la barra u lanqas ġewwa. Ir-rikorrenti ukoll ċaħdet li kienet toqgħod fuq il-*mobile* u ċemplet quddiem il-klijenti għaliex kellha bżonn iċċempel minħabba fihom stess, għax forsi riedu xi ħaġa minn ħanut ieħor. Ammettiet li ġieli bagħtet xi messaġġ imma ma kintix toqgħod iċċempel minn fuq il-*mobile*. Dwar is-Sunlab hija qalet li ma ġietx imkeċċija imma rriżenjat għaliex sabet xogħol b'kundizzjonijiet aħjar. Kuntrarjament għal dak li qal is-Sur Fenech, ir-rikorrenti spjegat li ġewwa ma kellhomx fejn jieklu għax fil-kċina kull ma kien hemm fridge, microwave u kitla, imma ma kellhomx fejn ipoġġu. In kontro eżami r-rikorrenti qalet li mhux veru dak li qal l-owner tas-Sunlab, Manuel, li kienet tara l-films waqt il-ħin tax-xogħol u kienet waqt break dak il-ħin.

**<u>Sottomissjonijiet Finali</u>**

Ir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha saħqet illi hija ġiet imkeċċija inġustament peress illi meta nqalgħu l-kwistjonijiet kollha li ssemmew fix-xhieda qatt ma ġiet avviċinata biex tispjega l-pożizzjoni tagħha fil-kwistjoni. Fl-ewwel inċident ma nġabet l-ebda prova konkreta kontra r-rikorrenti. L-unika prova konkreta li kienet il-kamera ta' sorveljanza ma nġabet qatt u dan għaliex kieku intużat, ir-rikorrenti kienet tiġi skolpata. Mix-xhieda tas-sidien tas-soċjeta jidher ċar li kien hemm antipazija lejn ir-rikorrenti u dan anke fid-dawl li kienet tiġi mġegħla tidħol xogħol fil-leave tagħha b'theddid li titkeċċa jekk ma tagħmilx dan.

Is-soċjeta intimata ikkontendiet illi kif ġie stabbilit mill-provi it-tkeċċija tar-rikorrenti kienet waħda ġusta, ġustifikata u skont il-liġi. Hekk kif ħareġ mill-provi r-rikorrenti ma kinitx idonea għax-xogħol u r-relazzjoni tagħha fuq ix-xogħol dejjem kienet waħda turbulenti tant li rċiviet diversi warnings verbali u tnejn bil-miktub. Hija kienet ingħatat iċ-ċans wara l-ewwel inċident u intbagħtet f'ħanut ieħor xorta spiċċat iġġieldet mal-Manager tagħha hemmhekk. Is-soċjeta ddikjarat illi t-tkeċċija tar-rikorrenti ma saritx f'daqqa imma kienu paċenzjużi imma kollu għalxejn. Bil-kontra ta' dak li ingħad mir-rikorrenti fin-nota tagħha, u ċjoe li kien

hemm antipatija lejha, kieku ma kinitx tingħata ċans wara l-ieħor sabiex tirranġa l-atteġjament tagħha u dan anke għaliex hija ma rrealizatx li taħdem f'ħanut tad-deheb huwa differenti milli taħdem f'ħanut normali ta' retail kemm minħabba sigurta kif ukoll minħabba responsabbilta.

**Kunsiderazzjonijiet**

Dan il-każ jirrigwardja allegat tkeċċija inġusta. Mill-provi jirriżulta b'mod ċar li hekk kif allegat ir-rikorrenti ma ġietx segwita proċedura ta' dixxiplina hekk kif inhu xieraq. Skont ix-xhieda tar-rikorrenti hija qatt ma ingħatat l-opportunita illi tiddefendi ruħha kemm meta inħareġet l-ewwel twissija bil-miktub u kif ukoll kif inħarġet it-tieni twissija bil-miktub illi wasslet għat-tkeċċija tagħha. Is-soċjeta fil-provi tagħha ma rribattietx dan pero ppruvat tiskolpa lilha nnifisha billi tispjega l-istanti numerużi ta' fejn ir-rikorrenti ma kinitx idoneja sabiex tkun impjegata magħha. Il-fatt li qatt ma ħarġet charge formali lir-rikorrenti u qatt ma kien hemm smiegħ ġust u xieraq iwassal lil dan it-Tribunal li jikkonkludi li żgur ma ġietx segwita proċedura kif inhu mistenni. Meta t-Tribunal jikkunsidra kif ġiet trattata r-rikorrenti fil-każijiet fejn inħarġulha ż-żewġ twissijiet bil-miktub, għalkemm huwa jara li huwa minnu li hija ingħatat l-opportunita sabiex tirranġa l-aġir tagħha, huwa jiġbed l-attenzjoni li huwa fatt mhux kontestat illi fil-kamp tal-liġi industrijali it-tkeċċija hija l-piena kapitali għall-impjegati u li impjegat jitkeċċa mingħajr ma jingħata l-opportunita li jiskolpa ruħu kemm-il darba ġiet meqjusa minn dan it-Tribunal bħala proċedura irregolari u li tmur kontra l-ġustizzja naturali. Meta wieħed iqis x'kienu ċ-ċirkostanzi li wasslu għat-tkeċċija tar-rikorrenti t-Tribunal ma jistax ma jikkummentax li l-konsewgenza tan-nuqqas tar-rikorrenti, speċjalment meta wieħed iqis li din ma ingħatatx l-opportunita li tiddefendi ruħha u lanqas ma inġabet prova konklussiva li kienet hi li poġġiet il-ġojjelli fiż-żibel, li, fil-fehma ta' dan it-Tribunal kienet l-aktar akkuża gravi fil-konfront tar-rikorrenti, is-soċjeta aġixxiet b'mod sproponzjonat għall-allegati nuqqasijiet. Fil-fatt, fix-xhieda tagħha r-rikorrenti rreferiet għal-laqgħa mal-ETC fejn qalet li s-Sur Fenech stess ammetta li mill-kameras ma setax jara b'mod ċar fil-fatt x'kien ġara. Fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal huwa tal-

fehma li l-konsegwenza tan-nuqqasijiet tar-rikorrenti kienet sproporzjonata għall-aġir ilmentat.

**Deċiżjoni**

It-Tribunal għalhekk jikkonkludi li s-soċjetà ntimata naqset li tipprova li kien hemm raġuni tajba u biżżejjed għat-temm tal-impjieg tar-rikorrenti u, wara li qies iċ- ċirkostanzi tat-tmiem tal-impjieg u wkoll iċ-ċirkostanzi soġġettivi tal-impjegata, sejjer jillikwida kumpens favur ir-rikorrenti. Għal dawn ir-raġunijiet, dan it-Tribunal jiddeċiedi billi fl-ewwel lok jiddikjara li t-tkeċċija tar-rikorrenti mill-impjieg tagħha mas-soċjetà ntimata ma kinitx għal raġuni tajba u biżżejjed fil-liġi u, għalhekk, a tenur tal-Artikolu 81(2)(a) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta qiegħed jiffissa kumpens fl-ammont ta' tlett'elef euro (€3,000) u jikkundanna lis-soċjetà ntimata tħallas tali kumpens lir-rikorrenti.

Dwar it-talba tar-rikorrenti li r-raġuni ta' tkeċċija ma tibqax tidher fuq it-termination form tal-ETC, dan it-Tribunal jiddikjara li m'għandux ġurisdizzjoni jagħti tali ordni.

**Drittijiet**

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assistita l-partijiet fl-ammont ta' €93.17

(iffirmat)

Dr Charmaine Cristiano Grech
Chairperson

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju